# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa b'urġenza Numru 32

5 ta' Ottubru, 2021

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' għal din il-laqgħa b'urgenza b'mod virtwali permezz tas-sistema online bil-Microsoft Teams® (skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali) minħabba l-pandemija ta' Covid-19. Din il-laqgħa bdiet fis-2.22 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 32

32.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
32.2 Evalwazzjoni w aġġudikazzjoni tal-Offerta SNTLC 06/2021 Repaving and Embellishment of Pjazza Santa Margerita

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresida l-laqgħa li bdiet fis-2.22 p.m. b'talba.

## 32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

32.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

## 32.2 Evalwazzjoni w aġġudikazzjoni tal-Offerta SNTLC 06/2021 Repaving and Embellishment of Pjazza Santa Margerita

32.2.1 Is-Sindku qal li kellu jsejjaħ din il-laqgħa b'urġenza għal raġunijiet biex jinforma lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni tal-offerta SNTLC 06/2021 *Repaving and embellishment of* Pjazza Santa Margerita, Ta' Sannat. Dan peress li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill qagħad fuq ir-rakkomandazzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni ta' din l-offerta, fejn ġie awarded lil l-irħas offerent. Il-Kunsill għamel id-*due diligence* tiegħu fejn instab li bi żvista jew bi żball il-bord kellhom xi ftit nuqqasijiet li dawn ma jistgħux jiġu rranġati peress li fuq it-tender huma klassifikati bħala Note 3 tad-dokument. Għaldaqstant, is-Sindku qed jipproponi li l-*award letter* tiġi mwaqqfa u l-bord jerġa jgħamel evalwazzjoni mill-ġdid tad-dokument biex jiflieħ sewwa u jiċċekja jekk hux *technical compliant* eċċ. eċċ. Dawn għandhom jinfetħu l-kumplament tal-offerti kollha mixħuta jiġifieri t-tieni l-irħas u jekk dan jirriżulta li huwa konformi mad-dokument u mall-liġi tal-*procurement* il-Kunsill għandu jmur fuq dan. Ovvjament il-bord irid jgħamel id-doveri tiegħu u jirrakkomanda dan lill-Kunsill. Is-Sindku qal li jekk għal xi raġuni dan ukoll ma jkunx *technical compliant* allura għandu jmur fuq l-offerenti l-oħra. Kien hemm 5 offerti u jekk jirriżulta li ħadd minnhom ma huwa *technical compliant* allura jkun ifisser li t-tender għandu jaqa' u jerġa joħroġ mill-ġdid. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri kollha jekk jaqblux ma dak li kien qed jgħid. Il-Kunsillieri ġew mitluba wieħed, wieħed jekk jaqblux ma dan. Il-Kunsillieri kollha qablu ma dan. Is-Sindku qal li l-Kunsill qabel u għalhekk talab li l-*award letter* għandha titwaqqaf. B'hekk l-offerent se jiġi nfurmat li l-*award letter* ser tiġi mwaqqfa u li l-bord se jerġa jevalwa mill-ġdid din it-*tender*.

32.2.2 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet. Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

32.2.3 Din il-laqgħa spiċċat fis-2.26 p.m.

Konfermati, illum 14 ta' Ottubru 2021

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |